**Ruling mogħti mill-Ispeaker fis-Seduta 80 tal-24 ta' Jannar 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar fi tmiem il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari dwar it-tweġibiet mogħtija mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa għall-mistoqsijiet parlamentari bin-numru 5322 u 5323. L-Onor. Cutajar ressaq ilment li t-tweġiba li ngħatat għal dawn il-mistoqsijiet, u ċjoè:

> "**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal mistoqsija supplimentari għal mistoqsija parlamentari numru 4207, li għamel hu stess."

ma kinitx skont il-prassi jew skont ir-regolamenti tal-Kamra.

Is-Sedja tinnota li l-mistoqsijiet li qiegħed jagħmel referenza għalihom l-Onor. Membru, ġew sottomessi minnu bil-miktub fis-16 ta' Jannar, u kellhom jiġi mwieġba fis-seduta tat-Tnejn, 23 ta' Jannar 2023. Minkejja dan, fis-seduta tas-17 ta' Jannar, l-Onor. Membru reġa' ssottometta dawn l-istess mistoqsijiet fil-forma ta' mistoqsija supplimentari, u dakinhar id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa fil-fatt tah tweġiba. Dan ifisser li l-informazzjoni waslet għand l-interpellant diversi ġranet qabel id-data skedata biex jiġu mwieġba dawn il-mistoqsijiet.

Kif stqarret fil-seduta tal-bieraħ, bħala rimedju s-Sedja ordnat illi ssir it-traskrizzjoni tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari li ngħata l-Onor. Membru fis-17 ta' Jannar, u rat li din tiġi mgħoddija lill-istess Onor. Membru.

Kif ġie espress mis-Sedja diversi drabi, hija ttenni li r-regolamenti tal-Kamra ma jtuha l-ebda jedd li tintervjeni fil-kontenut tat-tweġiba.